C/2025/4418

29.8.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Regoli tas-Suq u Miżuri ta' Appoġġ fis-Settur tal-Inbid

(C/2025/4418)

Relatur ġenerali:	Roberto CIAMBETTI (IT/KRE), Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Veneto
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għal prodotti tal-inbid aromatizzat COM(2025) 137 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Proposta għal Regolament

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(15a) Fil-pjani strateġiċi tagħhom, l-Istati Membri huma awtorizzati jagħżlu interventi ta' ħsad bikri fis-settur tal-inbid. Minħabba s-sitwazzjoni li qed jiffaċċja s-settur tal-inbid u l-kriżi strutturali f'ċerti reġjuni u Stati Membri, huwa xieraq li tiġi prevista wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri jinkludu l-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli u d-distillazzjoni bħala miżuri volontarji ta' kriżi. Din l-għażla se toffri qafas komuni u tevita distorsjoni tal-kompetizzjoni u tiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Emenda 2

Proposta għal Regolament

Premessa 15 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
	Is-settur tal-inbid jiddependi, fil-biċċa l-kbira, minn forza tax-xogħol impjegata għal perjodi qosra. B'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonalità soċjali introdotti fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023-2027, l-Istati Membri għandhom jitħeġġu jimmonitorjaw il-konformità mal-istandards tas-sikurezza u kundizzjonijiet tax-xogħol inklużivi u adegwati, inkluż f'termini ekonomiċi, kemm fl-attivitajiet tal-vitikultura kif ukoll f'dawk tal-ipproċessar;

Emenda 3

Proposta għal Regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex ikun hemm adattament għax-xejriet tas-suq u jiġu sfruttati opportunitajiet effiċjenti tas-suq, jenħtieġ li t-tul massimu tal-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli jiġi estiż minn 3 snin għal 5 snin.	Sabiex ikun hemm adattament għax-xejriet tas-suq u jiġu sfruttati opportunitajiet effiċjenti tas-suq, jenħtieġ li t-tul massimu tal-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mwettqa f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli jiġi estiż minn 3 snin għal 5 snin ***waqt li joffri wkoll l-għażla li dawk l-operazzjonijiet jiġu estiżi għal perjodu ieħor ta' ħames snin għall-finijiet tal-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli. Meta jitqiesu l-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn pajjiżi terzi, huwa rilevanti li ssir distinzjoni bejn is-swieq differenti fl-istess pajjiż.***

Emenda 4

Proposta għal Regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex il-produtturi jiġu appoġġjati aktar fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, huwa pertinenti li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni għal investimenti li jsegwu dak l-objettiv sa 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli.	Sabiex il-produtturi jiġu appoġġjati aktar fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, huwa pertinenti li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jżidu l-assistenza finanzjarja massima mill-Unjoni għal investimenti ***u għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji*** li jsegwu dak l-objettiv sa 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli. ***L-appoġġ għandu jipprijoritizza wkoll il-prattiki agroekoloġiċi u l-istrateġiji ta' diversifikazzjoni li jibnu reżiljenza fit-tul, bħas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija, il-kultivazzjoni mħallta, l-użu mill-ġdid tal-ilma, u varjetajiet reżistenti għan-nixfa, b'mod partikolari fir-reġjuni Mediterranji u ultraperiferiċi.***

Emenda 5

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(1)

Artikolu 62(3)(2a) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	F'każi ta' force majeure u ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-validità tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, mogħtija f'konformità mal-Artikolu 64, tista' tiġi estiża sa tnax-il xahar wara d-data ta' skadenza inizjali tagħhom.

Emenda 6

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(2)

Artikolu 63(2)(3) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji għall-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil, biex jevitaw li jiżdiedu ż-żoni tal-vinji fir-reġjuni u s-segmenti tas-suq suxxettibbli għal provvista żejda, u biex ikomplu jagħtu prijorità lill-inbejjed b'opportunitajiet tas-suq, f'koerenza mal-istrateġiji settorjali nazzjonali tagħhom u l-miżuri ta' kriżi awtorizzati għal dawn iż-żoni.

Emenda 7

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(2)

Artikolu 63(2)(c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
c) jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li jikkonċernaw id-distillazzjoni tal-inbid, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli jkunu ġew implimentati f'każijiet ġustifikati ta' kriżi.	c) jillimitaw il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali, għal żoni speċifiċi fejn il-miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni li jikkonċernaw id-distillazzjoni tal-inbid, il-qtugħ bikri jew il-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli jkunu ġew implimentati f'każijiet ġustifikati ta' kriżi. ***Sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni bla bżonn tal-ħsad bikri, iridu jiġu stabbiliti kriterji ċari, faċilment applikabbli u verifikabbli biex jiġi ddeterminat meta l-għenieqed tal-għeneb jitqiesu bħala misjura.***
Għall-finijiet tal-punt (c), "qtugħ bikri" tfisser il-qerda jew it-tneħħija totali ta' għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, u b'hekk jitnaqqas ir-rendiment taż-żona rilevanti għal żero, u eskluż in-nuqqas ta' qtugħ li jinkludi li l-għeneb kummerċjali jitħalla fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali tal-produzzjoni. L-Istati Membri li jillimitaw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punti (b) jew (c), jistgħu jirrikjedu li tali awtorizzazzjonijiet jintużaw f'dawk ir-reġjuni.";	Għall-finijiet tal-punt (c), "qtugħ bikri" tfisser il-qerda jew it-tneħħija totali ta' għenieqed tal-għeneb waqt li jkunu għadhom fl-istadju immatur tagħhom, u b'hekk jitnaqqas ir-rendiment taż-żona rilevanti għal żero, u eskluż in-nuqqas ta' qtugħ li jinkludi li l-għeneb kummerċjali jitħalla fuq il-pjanti fi tmiem iċ-ċiklu normali tal-produzzjoni. L-Istati Membri li jillimitaw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ġdid fil-livell reġjonali f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punti (b) jew (c), jistgħu jirrikjedu li tali awtorizzazzjonijiet jintużaw f'dawk ir-reġjuni.";

Emenda 8

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(3) Artikolu 66(3)(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
"Stat Membru jista' wkoll jissoġġetta l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 1 għal waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	"Stat Membru jista' wkoll jissoġġetta l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 1 għal waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
(a) l-awtorizzazzjoni għandha tintuża fl-istess żona ġeografika fejn kienu jinsabu d-dwieli maqlugħin mill-għeruq korrispondenti, meta ż-żamma tal-vitikultura f'dik iż-żona ġeografika hija ġġustifikata b'raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali,	(a) l-awtorizzazzjoni għandha tintuża fl-istess żona ġeografika fejn kienu jinsabu d-dwieli maqlugħin mill-għeruq korrispondenti, meta ż-żamma tal-vitikultura f'dik iż-żona ġeografika hija ġġustifikata b'raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali,
(b) ***għandhom jintużaw biss varjetajiet u metodi ta' produzzjoni li ma jżidux ir-rendiment medju meta mqabbel mad-dwieli maqlugħin mill-għeruq jew varjetajiet tradizzjonali u metodi ta' produzzjoni ta' reġjun partikolari biss meta ż-żona bid-dwieli maqlugħin mill-għeruq korrispondenti tkun tinsab f'reġjun ta' produzzjoni li l-Istat Membru jkun ikkwalifika bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq, jew***	(b) l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tintuża f'reġjun ta' produzzjoni li jkun differenti minn dak fejn tkun tinsab iż-żona bid-dwieli maqlugħin mill-għeruq meta l-Istat Membru jkun ikkwalifika dak ir-reġjun ta' produzzjoni differenti bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq."
(c) l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tintuża f'reġjun ta' produzzjoni li jkun differenti minn dak fejn tkun tinsab iż-żona bid-dwieli maqlugħin mill-għeruq meta l-Istat Membru jkun ikkwalifika dak ir-reġjun ta' produzzjoni differenti bħala affettwat minn żbilanċ strutturali tas-suq."	

Raġuni

Ma nistgħux nappoġġjaw il-proposta biex tinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet għal varjetajiet speċifiċi fost il-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid peress li nqisu li tali miżura hija eċċessiva.

Emenda 9

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(5)

Artikolu 119(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punti 1 sa 11, 13, 15 u 16 tal-Partii II tal-Anness VII kkummerċjalizzati fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom l-indikazzjonijiet obbligatorji li ġejjin:	1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punti 1 sa 11, 13, 15 u 16 tal-Partii II tal-Anness VII kkummerċjalizzati fl-Unjoni jew għall-esportazzjoni għandu jkollhom l-indikazzjonijiet obbligatorji li ġejjin:
(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli f'konformità mal-Anness VII, il-Parti II. Għall-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli definiti fl-Anness VII, il-Parti II, il-punt (1) u l-punti (4) sa (9), fejn ikun ġie	(a) id-denominazzjoni għall-kategorija tal-prodott tad-dwieli f'konformità mal-Anness VII, il-Parti II. Għall-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli definiti fl-Anness VII, il-Parti II, il-punt (1) u l-punti (4) sa (9), fejn ikun ġie

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
applikat trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Anness VIII, il-Parti I, it-Taqsima E, għat-totalità tal-prodott jew għal parti minnu, id-denominazzjoni tal-kategorija għandha tkun akkumpanjata minn:	applikat trattament ta' dealkoħolizzazzjoni f'konformità mal-Anness VIII, il-Parti I, it-Taqsima E, għat-totalità tal-prodott jew għal parti minnu, id-denominazzjoni tal-kategorija għandha tkun akkumpanjata minn:
(i) ***it-terminu*** "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; ***akkumpanjata*** mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;	(i) ***it-termini "dealkoħolizzat" jew*** "mingħajr alkoħol" jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,5 % skont il-volum; ***alternattivament, jistgħu jkunu akkumpanjati*** mill-espressjoni "0,0 %", jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott ma taqbiżx 0,05 % skont il-volum;
(ii) it-terminu ***"b'ammont ta' alkoħol ħafif"*** jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun mill-inqas 30 % inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni.	(ii) it-terminu ***"parzjalment dealkoħolizzat"*** jekk il-qawwa alkoħolika proprja tal-prodott tkun 'il fuq minn 0,5 % skont il-volum u tkun mill-inqas 30 % inqas mill-qawwa alkoħolika proprja minima tal-kategorija qabel id-dealkoħolizzazzjoni.

Raġuni

"Livell baxx ta' alkoħol" huwa terminu imprecíż, sakemm ma jkunx akkoppjat ma' "parzjalment dealkoħolizzat". Ir-referenza għal "mill-inqas 30 % inqas" hija meħtieġa bħala qafas ta' referenza legali minħabba li, inkella, tnaqqis minimu ta' nofs grad diġà jitqies dealkoħolizzat.

Emenda 10

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(7)

Artikolu 167(1)(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
"1. Sabiex tittejjeb u tiġi stabbilizzata l-operazzjoni tas-suq komuni fl-inbejjed, inkluż l-għeneb, il-most u l-inbejjed li ġejjin minnhom, l-Istati Membri produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli ta' kummerċjalizzazzjoni li jirregolaw il-provvista, inkluż l-iffissar ta' rendimenti massimi u l-istabbiliment ta' regoli għall-ġestjoni tal-istokkijiet. L-Istati Membri għandhom iqisu l-proposti adottati mill-***organizzazzjonijiet*** tal-produtturi rikonoxxuti skont ***l-Artikoli 152 u 154*** jew l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikoli 157 u 158 meta tali organizzazzjonijiet jitqiesu li huma rappreżentattivi għas-settur tal-inbid, f'konformità mal-Artikolu 164(3), fiż-żona ekonomika jew fiż-żoni ekonomiċi fejn ikun maħsub li jiġu applikati r-regoli.".	"1. Sabiex tittejjeb u tiġi stabbilizzata l-operazzjoni tas-suq komuni fl-inbejjed, inkluż l-għeneb, il-most u l-inbejjed li ġejjin minnhom, l-Istati Membri produtturi jistgħu jistabbilixxu regoli ta' kummerċjalizzazzjoni li jirregolaw il-provvista, inkluż l-iffissar ta' rendimenti massimi u l-istabbiliment ta' regoli għall-ġestjoni tal-istokkijiet. L-Istati Membri għandhom iqisu l-proposti adottati mill-***gruppi*** tal-produtturi rikonoxxuti skont ***l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/1143*** jew l-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti skont l-Artikoli 157 u 158 meta tali organizzazzjonijiet jitqiesu li huma rappreżentattivi għas-settur tal-inbid, f'konformità mal-Artikolu 164(3), fiż-żona ekonomika jew fiż-żoni ekonomiċi fejn ikun maħsub li jiġu applikati r-regoli.".

Emenda 11

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(8)

Artikolu 216(1)(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet tal-prodott, fejn ikun rilevanti, u tal-operazzjoni kkonċernata, flimkien ma' inċentiv għall-involviment f'tali operazzjoni, sabiex il-kriżi tkun tista' tiġi indirizzata.	Il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet tal-prodott, fejn ikun rilevanti, u tal-operazzjoni kkonċernata, flimkien ma' inċentiv għall-involviment f'tali operazzjoni, sabiex il-kriżi tkun tista' tiġi indirizzata. ***Il-benefiċjarji tal-fondi allokati għall-miżuri ta' kriżi msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu eliġibbli li jirċievu appoġġ għall-istess miżuri ta' ħsad bikri, distillazzjoni jew qlugħ mill-għeruq tad-dwieli skont l-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE) 2021/2115 implimentati fl-istess ettari.***

Emenda 12

Proposta għal Regolament

Artikolu 1(9)

Anness VII, Parti II, Subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti ***fil-***punti (4) ***u (7)*** jistgħu jinkisbu ***wkoll, rispettivament,*** bit-tieni fermentazzjoni ta' nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati***, jew*** biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju ***magħhom, imsemmija fil-punt (1)***.	Il-prodotti tad-dwieli tal-kategoriji stabbiliti ***f':*** ***i)*** ***il-***punti (4)***, (5) u (8)*** jistgħu jinkisbu bit-tieni fermentazzjoni ta' nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati ***msemmija fil-punt (1)*** ***ii)*** ***il-punti (7) u (9) jistgħu jinkisbu*** biż-żieda tad-diossidu tal-karbonju ***ma' nbejjed dealkoħolizzati jew parzjalment dealkoħolizzati msemmija fil-punt (1)***. ***iii)*** ***jirrakkomanda valutazzjoni ulterjuri tal-impatt ambjentali tal-proċessi ta' dealkoħolizzazzjoni doppja li għandhom domanda ogħla għall-enerġija u r-riżorsi.***

Emenda 13

Proposta għal Regolament

Artikolu 3(1)

Anness VII, Parti II, Subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
L-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:	L-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:
(a) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:	(a) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(i) azzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid f'konformità mar-Regolament	"(i) azzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid f'konformità mar-Regolament

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
(UE) Nru 1308/2013 jew minn gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143* bl-għan li jtejbu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni;	(UE) Nru 1308/2013 jew minn gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143* ***jew minn azjendi agrikoli individwali*** bl-għan li jtejbu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni;
(b) it-tieni subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu: 'Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet agronomiċi, vitikulturali speċifiċi jew kwalunkwe tip ta' kundizzjoni oħra li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żieda fir-rendiment għall-vinja soġġetta għal dan it-tip ta' interventi wara l-konverżjoni varjetali**,** ir-rilokazzjoni tal-vinja***, it-tħawwil mill-ġdid ta' dwieli tal-vinja jew it-titjib tat-tekniki ta' ġestjoni tal-vinji.'***	***(b) punt ġdid miżjud għall-paragrafu 1: '(n) qlugħ volontarju tal-vinji';***
(c) it-tieni subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu: 'Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet agronomiċi, vitikulturali speċifiċi jew kwalunkwe tip ta' kundizzjoni oħra li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żieda fir-rendiment għall-vinja soġġetta għal dan it-tip ta' interventi wara l-konverżjoni varjetali ***jew*** ir-rilokazzjoni tal-vinja***. Din il-verifika tista' titwettaq diġà fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-intervent';***	***(c)*** it-tieni subparagrafu jsir it-tielet subparagrafu u huwa sostitwit b'dan li ġej: 'L-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandu japplika biss għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta jew inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid. L-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli għandhom ikunu limitati għal tul massimu ta' 5 snin, li ma jistax jiġi estiż, u għandhom jikkonċernaw biss l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.';
	(d) it-tieni subparagrafu jsir it-tielet subparagrafu u huwa sostitwit b'dan li ġej: 'L-ewwel subparagrafu, il-punt (k), għandu japplika biss għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta jew inbejjed b'indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb tal-inbid. L-operazzjonijiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-swieq disponibbli għandhom ikunu limitati għal tul massimu ta' 5 snin, li ma jistax jiġi estiż, u għandhom jikkonċernaw biss l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.';

Emenda 14

Proposta għal Regolament

Artikolu 3(2)

Anness VII, Parti II, Subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
(2) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:	(2) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:
(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandhiex taqbeż:	"2. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ma għandhiex taqbeż:
(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;	(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;	(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;
(c) 75 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;	(c) 75 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;
(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u ***lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013***. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew. Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b). L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà.	(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u ***lill-kooperattivi u forom oħra ta' assoċjazzjoni***. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew. Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b). L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà.
(b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:	(b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
'Madankollu, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (m), tista' tiżdied sa 80 % tal-kostijiet tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).';	'Madankollu, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (m), tista' tiżdied sa 80 % tal-kostijiet tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv tal-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b).';
(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:	(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), ma għandhiex taqbeż:	'6. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), ma għandhiex taqbeż:
(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;	(a) 50 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati;
(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;	(b) 40 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli f'reġjuni minbarra reġjuni inqas żviluppati;
(c) 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;	(c) 80 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew. Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b). L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà'."	(d) 65 % tal-ispejjeż tal-investimenti eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni bir-rata massima stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata biss lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, tista' tingħata lill-intrapriżi kollha fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew. Għall-intrapriżi, għajr l-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 200 miljun, il-livelli massimi tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitnaqqsu bin-nofs. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-investimenti msemmija fl-Artikolu 58(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tista' tiżdied sa 80 % tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għall-investimenti marbuta mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih stabbilit fl-Artikolu 57, il-punt (b). L-ebda assistenza finanzjarja mill-Unjoni ma għandha tingħata lil intrapriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà'."

Raġuni

L-organizzazzjonijiet kollha tal-produtturi għandhom jirċievu l-istess trattament, jiġifieri t-tipi kollha ta' assoċjazzjonijiet tal-produtturi, inklużi l-kooperattivi, il-kumpaniji tal-ipproċessar agrikolu u kwalunkwe korp simili ieħor, mhux biss organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, sabiex il-produtturi jitħeġġu jipparteċipaw fil-katina tal-valur.

Emenda 15

Proposta għal Regolament

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-prodotti tad-dwieli li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 119(1), il-punt (a), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 qabel [data speċifika – 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ] jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq sakemm jiġu eżawriti l-istokkijiet.	Il-prodotti tad-dwieli li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 119(1), il-punt (a), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ***u prodotti tal-inbid aromatizzat li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014*** qabel [data speċifika – 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ] jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq sakemm jiġu eżawriti l-istokkijiet. ***It-tikketti stampati legalment qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tad-dwieli u tal-prodotti tal-inbid aromatizzat sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.***

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

Kuntest

1. jinnota li s-settur tal-inbid Ewropew huwa wieħed mill-pilastri ekonomiċi, industrijali kif ukoll kulturali tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;

2. jirrimarka li l-produzzjoni tal-inbid fl-Unjoni Ewropea fl-2024 kienet stmata għal 138,3 miljun ettolitru (- 3,5 % meta mqabbla mal-2023);

3. jinnota li l-inbid huwa mutur ekonomiku, attrazzjoni turistika, wirt kulturali u ġeografiku, parti mill-identità, u fattur soċjali f'ħafna reġjuni tal-Ewropa, u għadu pilastru ċentrali tal-ekonomija u l-identità rurali;

4. jirrimarka l-ħtieġa li s-settur tal-inbid Ewropew jibqa' kompetittiv, reżiljenti u li jibqa' saħħa ekonomika vitali fid-deċennji li ġejjin;

5. jenfasizza l-modi li bihom l-impatt tat-tibdil fil-klima kien sinifikanti: l-istress idriku, il-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, l-epidemiji tal-mard fungali, u proliferazzjoni baxxa lkoll wasslu għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-inbid; jissottolinja l-fatt li s-settur tal-inbid, bħas-setturi agrikoli kollha, għandu rwol importanti fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u fil-promozzjoni tal-bijodiversità, kemm bl-introduzzjoni tal-vitikultura ekoloġika kif ukoll permezz ta' prattiki ta' kultivazzjoni b'impatt ambjentali baxx, il-konservazzjoni tal-ħamrija u l-kontribut għal żieda fid-diversità tal-pajsaġġ, u b'hekk jiġi evitat deterjorament ambjentali ulterjuri u jgħin biex jiġu evitati impatti li jmorru għall-agħar mill-proċess tat-tibdil fil-klima**;**

6. għalhekk, il-PAK attwali u futura u politiki settorjali oħra jridu jinkludu l-bidliet meħtieġa biex tiġi rikonoxxuta n-natura unika u l-valur strateġiku għoli tal-vinji mingħajr tisqija f'reġjuni differenti tal-Unjoni, mil-Lvant ta' Spanja sal-Peniżola Taljana, sa reġjuni oħra tal-Mediterran u tan-Nofsinhar tal-Ewropa, kemm minħabba l-funzjoni ekonomika tagħhom kif ukoll f'termini tal-kontribut tagħhom għall-bijodiversità, il-ġlieda kontra d-dežertifikazzjoni u l-preservazzjoni tal-pajsaġġ. Iridu jiġu stabbiliti miżuri li jinkludu skema speċifika ta' għajnuna diretta adattata għall-kundizzjonijiet tal-vinji mingħajr tisqija, inklużi sussidji addizzjonali għall-azjendi agrikoli f'żoni aridi u parzjalment aridi, inċentivi għall-konservazzjoni ta' varjetajiet indiġeni u sistemi ta' kultivazzjoni tradizzjonali, krediti tat-taxxa u appoġġ għad-diġitalizzazzjoni u l-immodernizzar tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk, trid tiġi pprovduta wkoll għajnuna għal proġetti tat-turiżmu tal-inbid, u l-promozzjoni ta' prodotti lokali u tal-gastronomija marbuta mal-vinji permezz ta' interventi fis-settur tal-inbid. Għandu jiġi żgurat li kwalunkwe riforma futura tal-PAK tqis l-impatt fuq l-ekonomija, l-impjiegi u l-kultura taż-żoni rurali fejn jinsabu vinji mingħajr tisqija;

7. jinnota li l-bidliet demografiċi li qed iseħħu bħalissa, ix-xejriet tal-konsum li qed jinbidlu, u l-inċertezzi tas-suq kellhom impatt sinifikanti fuq l-eżistenza tas-settur u r-reżiljenza tiegħu;

8. jinnota li s-sitwazzjoni attwali, ikkaratterizzata minn problemi bħall-impożizzjoni ta' tariffi u l-evoluzzjoni tagħhom fuq terminu qasir u medju, toħloq inċertezza dwar jekk dawn il-kwistjonijiet, li jistgħu jitqiesu bħala "ċirkostanzi straordinarji" fil-kampanja attwali tal-2025 u dik li jmiss tal-2026, jistgħux idgħajfu l-kontinwità u l-istabbiltà fis-settur fi swieq strateġiċi;

9. jinnota t-talba minn ċerti Stati Membri biex jappoġġjaw is-settur tal-inbid permezz ta' skemi ddedikati ta' għajnuna mill-Istat approvati mill-Kummissjoni Ewropea b'reazzjoni għat-tensjonijiet kummerċjali trans-Atlantiċi u jissottolinja li approċċ Ewropew ikkoordinat – permezz ta' strumenti mfassla apposta fil-livell tal-UE – joffri soluzzjoni aktar effettiva u ekwa, li tiżgura li r-reġjuni kollha jkunu jistgħu jaċċessaw l-appoġġ b'kundizzjonijiet ekwi, u fl-istess waqt jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq fi ħdan is-suq uniku;

10. jirrimarka li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-UE dwar l-Inbid enfasizza kwistjonijiet, identifika ħtiġijiet u ppropona soluzzjonijiet li ġew inklużi fl-emenda regolatorja proposta mill-Kummissjoni, waqt li stabbilixxa sensiela kkombinata ta' azzjonijiet immirati, konġunti, rapidi u trasversali. Dawn ikkontribwew għat-tiswir tal-futur tas-settur tal-inbid, u għamluh kompetittiv fl-Unjoni kollha u saħħew l-identità tiegħu bħala espressjoni tat-tradizzjonijiet kulturali, ibbażati fuq l-identità, ġeografiċi, ambjentali u ekonomiċi tal-pajjiżi individwali tal-UE;

Rakkomandazzjonijiet ta' politika

11. jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid adottati fis-17 ta' Diċembru 2024 u li jinsabu fil-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/20115 u (UE) Nru 251/2014;

12. jinnota li l-proposti għal bidliet regolatorji inkwistjoni fil-biċċa l-kbira jqisu t-talbiet li saru fir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid bħala l-ewwel rispons għall-problemi tas-settur. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha b'rispons ukoll għar-rakkomandazzjonijiet li għadhom ma ġewx aċċettati jew li huma aċċettati biss parzjalment;

13. jilqa' l-miżuri introdotti fir-rigward tal-prevenzjoni tal-eċċessi, bħall-qlugħ mill-għeruq tad-dwieli u l-ħsad bikri, li jgħinu biex jistabbilizzaw is-suq u jipproteġu lill-produtturi mill-pressjoni finanzjarja;

14. jirrimarka madankollu li l-qtugħ bikri ma jistax isolvi l-iżbilanċi strutturali. Biex din il-miżura tintuża b'mod effettiv, trid tiġi ssemplifikata u ssir aktar flessibbli. Irid ikun possibbli wkoll li r-riżorsi disponibbli taħt il-programmi tas-settur tal-inbid jiġu allokati mill-ġdid bejn id-diversi tipi ta' interventi matul is-sena attwali jew li r-riżorsi mhux użati jiġu riportati għas-sena ta' wara;

15. jirrimarka li l-miżuri jridu jitfasslu u jiġu implimentati fi djalogu mill-qrib mar-reġjuni u l-awtoritajiet ikkonċernati fil-livell lokali, waqt li tiġi implimentata aktar flessibbiltà, l-użu jiġi ssemplifikat, tiġi promossa l-firxa ta' varjetajiet reżistenti u tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni u titħeġġeġ il-possibbiltà li r-riżorsi jiġu allokati mill-ġdid fil-programmi tas-settur tal-inbid;

16. jenfasizza l-importanza li jinżamm il-qtugħ bikri fil-qafas tal-interventi fis-settur tal-inbid sabiex jiġi żgurat li jkun hemm il-fondi meħtieġa biex jiġi implimentat b'mod effettiv. Il-possibbiltà ta' finanzjament nazzjonali komplementari se tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' adattament tas-settur, iżda jeħtieġ li jiġi żgurat li ż-żewġ sorsi ta' finanzjament, il-FAEG u l-fondi nazzjonali, ikunu kompatibbli u jissodisfaw ir-restrizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għalhekk, jitlob emenda għall-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 biex tiġi żgurata l-applikabbiltà taż-żewġ sorsi ta' finanzjament, mingħajr ma jiżdiedu aktar restrizzjonijiet permezz tal-Artikolu 216 tar-Regolament dwar l-OKS. Dan għandu jitqies bl-istess mod fir-rigward tal-miżura tal-qlugħ mill-għeruq;

17. iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà ta' emenda għar-Regolament (UE) 2021/2116 biex tneħħi r-regola li l-fondi tal-FAEG għal interventi fis-settur tal-inbid jridu jiġu allokati kull sena, peress li n-natura annwali tagħhom tagħmilha diffiċli li jiġu ġestiti u użati l-fondi, speċjalment fil-każ ta' miżuri "mhux strutturali" bħall-qtugħ bikri;

18. jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet, b'mod partikolari l-estensjoni tal-validità tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid, peress li din il-bidla għandha impatt pożittiv f'termini kemm agronomiċi kif ukoll ambjentali;

19. iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw indikaturi bbażati fuq il-post biex jimmonitorjaw l-effikaċja tal-miżuri tal-kriżi ffinanzjati minn 20 % tar-riżorsi tal-OKS; jitlob ukoll li titkompla l-għajnuna differenzjata għall-investiment u l-innovazzjoni, b'finanzjament addizzjonali għall-mikrointraprizi, ir-reġjuni inqas żviluppati u l-azzjoni klimatika;

20. iqis li l-kriterji ta' prijorità għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 iridu jiġu riveduti: għandhom iqisu wkoll iċ-ċertifikazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali, il-produzzjoni organika u s-sistemi ta' produzzjoni integrata;

21. jilqa' t-tneħħija tal-penali għan-nuqqas ta' użu ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija permezz tal-konverżjoni tad-dritt ta' taħwil mill-ġdid, f'konformità mat-tnaqqis fir-ritmu tal-investimenti fis-settur tal-inbid;

22. jenfasizza li l-proċeduri ta' finanzjament għandhom jiġu ssemplifikati dejjem aktar minn perspettiva amministrattiva u jilqa' l-possibbiltà li jiġu allokati awtorizzazzjonijiet għal dežinjazzjonijiet jew żoni speċifiċi, soġġetti għal konsultazzjoni obbligatorja ta' konsorzji ta' protezzjoni;

23. jappoġġja l-introduzzjoni tal-armonizzazzjoni tat-tikketti, is-semplifikazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, it-tnaqqis tal-ispejjeż u aċċess aktar trasparenti għall-informazzjoni għall-konsumaturi; għalhekk jilqa' l-introduzzjoni ta' kodiċi QR armonizzat għall-informazzjoni obbligatorja, integrat mar-reġistri nazzjonali u l-Passaport Diġitali tal-Inbid. Ir-regoli l-ġodda dwar it-tikkettar għandhom jiġu introdotti b'mod proporzjonat, u f'ċerti każi għandhom jiġu posposti fid-dawl tal-kriżijiet multipli li għaddejjin bħalissa;

24. jilqa' l-possibbiltà li jitqiegħdu prodotti innovattivi fis-suq, bid-dežinjazzjoni speċifika għall-bejgħ ta' prodotti tad-dwieli b'livell baxx ta' alkoħol permezz ta' regoli ċari dwar it-tikkettar u soluzzjonijiet diġitali interoperabbli komuni (blockchain, IoT) għaċ-ċertifikazzjoni, it-traċċabbiltà u l-ġlieda kontra l-iffalsifikar, kif ukoll informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali ta' kull stadju tal-ipproċessar;

25. iwissi dwar il-bżonn li ssir riflessjoni dwar il-komunikazzjoni u l-inizjattivi mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni dwar prodotti mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol baxx u l-promozzjoni tal-valur tagħhom, peress li dawn il-prodotti jużaw ħafna enerġija u għandhom kontenut għoli ta' zokkor, b'effetti negattivi għas-saħħa: kampanji ta' edukazzjoni dwar il-konsum responsabbli tal-inbid ikkoordinati mal-objettivi Ewropej tas-saħħa pubblika huma essenzjali;

26. jappoġġja l-inizjattivi mmirati li jsaħħu t-turiżmu tal-inbid, li jgħin biex jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali u fiż-żoni interni. It-turiżmu tal-inbid għandu jibqa' attività li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent: dan huwa tip ta' turiżmu "kajman" u sostenibbli, ta' kwalità għolja, ankrat fil-lokal u ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali;

27. jiddispjaċih li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni Ewropea mhumiex akkumpanjati minn baġit speċifiku. L-adozzjoni ta' emendi leġiżlattivi teħtieġ baġit biex jiġu implimentati u jiġu sodisfati l-ħtiġijiet tas-settur tal-inbid;

28. jisħaq li anke fis-settur tal-inbid ħafna inugwaljanzi bejn il-ġeneri ngħelbu permezz tal-ugwaljanza fl-impjiegi, fir-rappreżentanza u fil-ġestjoni tal-azjendi u tal-gruppi tal-produtturi u tal-gruppi tal-ipproċessar tal-prodotti, kif ukoll f'termini tal-promozzjoni tar-reġjuni u tat-turiżmu tal-inbid;

29. jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati l-gruppi ta' produtturi li jimmaniġġjaw l-inbejjed b'indikazzjoni ġeografika billi jiġu integrati t-turiżmu sostenibbli, il-bejgħ dirett u l-ktajjen tal-provvista qosra f'miżuri ta' appoġġ, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar it-Turiżmu 2030;

30. jilqa' ż-żieda fil-limiti massimi tal-għajnuna (sa 80 %) għall-investimenti u l-innovazzjoni relatati mal-mitigazzjoni/l-adattament għat-tibdil fil-klima, li jagħtu prijorità lir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer iżgħar;

31. jappoġġja l-estensjoni tal-kampanji ta' promozzjoni f'pajjiżi terzi għal ħames snin b'aċċess semplifikat għall-SMEs;

32. jirrakkomanda t-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-PAK u l-politiki ta' koeżjoni għall-finanzjament tal-infrastruttura ekoloġika u blu bl-għan li tiġi appoġġjata r-reżiljenza tal-ilma tal-vinji; jenfasizza li dan għandu jinvolvi wkoll l-użu adatt tar-riżorsi tal-ilma, billi tittieħed azzjoni biex jiġu evitati tnixxijiet u jittaffew il-konsegwenzi ta' avvenimenti estremi, u biex jiġu mmonitorjati l-kwalità u s-sikurezza tal-ilma kif ukoll is-sistemi ta' ħżin u rkupru naturali u artifiċjali;

33. ifakkar fil-ħtieġa ta' finanzjament appoġġjat mill-UE biex tiġi indirizzata wkoll ir-reżiljenza soċjali permezz ta' approċċi integrati ta' żvilupp rurali li jinvolvu lill-ħaddiema fis-settur tal-inbid, lin-nisa u lill-bdiewa żgħażagħ, u li jiġi promoss l-aċċess għall-akkomodazzjoni, it-trasport u l-konnettività diġitali fir-reġjuni li jipproduċu l-inbid;

34. ifakkar fil-ħtieġa li jiġu esplorati għażliet għall-użu tal-baġit ta' intervent settorjali li ma jintnefaqx għall-finanzjament ta' miżuri oħra ta' tbassir u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, kif mitlub mir-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid. F'dan ir-rigward, josserva li hemm l-għażla li r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jiġi emendat biex ċertu perċentwal tal-limiti massimi baġitarji tal-programmi ta' appoġġ imsemmija (stabbiliti fl-Anness VI) jitwarrab biex jintuża għall-finanzjament tal-għajnuna għall-kriżijiet, bil-kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni.

Brussell, it-2 ta' Lulju 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Kata TÜTTŐ